MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 13/2025-9**

**It-Tlieta, 22 t'April 2025**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-4.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Baskal Saliba – Sindku
Dr Marlene Cini – Kunsilliera
Is-Sur Mario Portelli - Kunsillier
Is-Sur Nicky Saliba – Kunsillier

**PREŻENTI b'mod virtwali:**

N/A

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

Is-Sur Daniel Cordina- Viċi Sindku

**ASSENTI:**

N/A

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sna Odette Camilleri - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Baskal Saliba. Is-Sindku għamel minuta silenzju għal mewt tal-QT Papa Franġisku u nforma lill-membi li l-bandiera ttajret mezza lasta.

### 13.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

13.1.1 Is-Sindku nforma lil membri li l-Kunsilliera Dr Marlene Cini ser tittardja waqt li l-Viċi Sindku jinsab assenti b'apoloġija.

### 13.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

13.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa nru. 12/2025-9 ġew ċirkulati minn qabel dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

13.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm mill-minuti.

13.2.3 Ma kinx hemm korrezzjonijiet għalhekk Minuti nru. 12/2025-9 ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

### 13.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

13.3.1 Għaċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum iż-Żebbuġ 2025 is-Sindku ta dettalji ta' x'ser ikun qed jiġi organizzat.

13.3.2 Rigward il-proġett ta' Pjazza l-Assunta, is-Sindku nforma lil membri li kien hemm laqgħa mal-Perit fuq il-post fejn attendiet ukoll l-Kunsilliera Dr Marlene Cini. Kompla jgħid li l-bus shelter eżistenti ser titressaq għal wara l-monument, ser issir drip irrigation system u kull ma ser ikun qed jitnaqqas hu parkeġġ wieħed. Il-Perit ser jissottometti l-applikazzjoni taħt id-DPF.

13.3.2 Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill qed jagħmel proġett ta' 'I love Marsalforn' fejn il-belvedere fi Triq Santa Marija u wara ser issir attivita' żgħira fl-istess wesgħa. Kompla jgħid li dan ser ikun il-proġett

tal-Kunsill għal attivita' tar-Reġjun Kultural 2025 li hu mistenni jsir f'Lulju 2025.

13.3.3 Is-Sindku propona u l-membri qablu li l-Kunsill għandu japplika taħt il-Fondi Kulturali għal Għawdex fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar għal Funland Wednesdays fiż-Żebbuġ simili ta' Funland Thursdays f'Marsalforn.

13.3.4 Propona u l-membri qablu li jiġu nstallati erba' CCTV cameras oħra fin-nofs tal-Qbajjar Promenade minħabba l-problema taż-żibel li qed jiġi mormi llegalment.

## 13.4 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera

13.4.1 *Komunikazzjoni mill-Kunsilliera Dott. Marlene Cini*

13.4.1.1 Talbet u l-membri qablu li ż-żewġ parkeġġi tal-muturi li hemm fi Triq ix-Xagħra minflok jitnaqqas wieħed sabiex jiżdiedu l-parkeġġi.

13.4.1.2 Infurmat lill-membri li għada, 23 t'April 2025 għandha l-qorti peress li ġiet imressqa bħala xhieda meta waqgħet is-siġra fil-parkeġġ.

13.4.2 *Komunikazzjoni mill-Kunsillier Mario Portelli*

13.4.2.1 Propona u l-membri qablu li jsir il-patching neċessarju fi Triq is-Sagħtrija.

12.4.2.2 Talab sabiex jintbgħatu l-ħaddiema tal-Kunsill jaqtgħu l-ħaxix minn naħħa t'isfel tat-triq ta' Marsalforn. Il-membri qablu.

12.4.2.3 Talab sabiex il-Kunsill jara x'hemm bżonn sabiex tiġi organizzata t-tiġrija ta' l-annimali fi Triq l-Imgħallem fil-ġimgħa tal-festa. Il-membri qablu li għandu jiġi vverifikat x'jinvolvi u fil-kas issir applikazzjoni għal fondi taħt il-Cultural Heritage Fund mal-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar.

13.4.3 *Komunikazzjoni mill-Kunsillier Nicky Saliba*

13.4.3.1 Talab sabiex issir tfakkira lill-Għaqda Nar Marija Assunta sabiex jinqata' l-ħaxix minn Triq Wied l-Abjad.

13.4.3.2 Talab u l-membri qablu sabiex jintbgħatu l-ħaddiema tal-Kunsill jaqtgħu l-ħaxix minn Triq ta' Ċenċ.

13.4.3.3 Propona sabiex mill-aktar fis possibbli sabiex il-Playing field tal-Virtut jinqala' t-tapit tat-turf, is-safety flooring u l-playing field equipment kollu minħabba li hu perikoluż.

13.5 Materji Oħra

13.5.1 Talba sabiex isir dawl mal-ħitan biex Ġnien iż-Żebbuġ jiġi mdawwal. Il-membri qablu li ssir laqgħa ma' l-Enemalta f'dan ir-rigward.

13.5.2 Il-Pulizija tal-Kommunita' talbu sabiex jinxtara mutur elettriku li jkun jista' jiġi użat waqt is-sorveljanza kemm f'Marsalforn kif ukoll fiż-Żebbuġ u dan għaliex mhux aċċessibbli bil-mixi bejn dawn iż-żewġ kommunitajiet. Il-membri qablu li jinxtara sakemm il-Kunsill ma jkunx qed joħroġ fondi. Il-Kunsillier Nicky Saliba talab sabiex ikun hawn aktar preżenza tal-pulizija tal-kommunita' fir-raħal taż-Żebbuġ.

13.5.3 Talba sabiex teħel CCTV camera ma' Tritons Court, fi Triq ir-Rabat peress li minn meta twaħħlet is-CCTV camera fi Triq Frank Debono, in-nies ta' dik it-triq qed imorru jarmu l-imbarazz taħt il-parapett. Tritons Court lesti li jagħtu s-supply tad-dawl f'dawn il-cameras. Il-membri qablu li għandha teħel waħda.

13.5.4 Talba mill-Kumitat għal ismijiet tat-toroq sabiex iż-żewġ sqaqien fi Triq Għajn Mhelhel jingħataw isem. Is-Sindku propona u l-membri qablu li wieħed jissemma Triq San Fortunato waqt li l-ieħor jissemma Triq Mro. Ġużepp Mallia.

13.5.5 Ittra mibgħuta mill-Avukat Portelli Xerri f'isem J Xuereb minħabba l-parkeġġ fi Triq Għajn Mhelhel. Is-Sindku nforma lil membri li l-Kunsill bgħat lil Transport Malta u dawn talbu lil Kunsill biex iħejji Traffic Management. Informa lil membri li l-Pulizija tal-Kommunita' kellmu lil sid l-karozza u l-problema ġiet solvuta.

13.5.6 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li ZGLC/01/2025 – Works – upgrading of Public convenience at Qbajjar Promenade ġiet evalwata. Il-bord irrakkomanda lil Mark Attard liema offerta

tammonta għal €25,024 mingħajr VAT. Il-membri qablu mar-rakkomandazzjoni tal-bord.

13.5.7 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li ħarġet l-offerta għal Works – Composite PVC Railing at Triq Santa Marija and Triq ix-Xwejni. Il-membri qablu li l-bord għal evalwazzjoni ta' din l-offerta għandu jkun kompost minn William Sultana – Chairman, Odette Camilleri – Segretarju waqt li l-membri tal-bord ikunu Daniel Galea, Ing. Mario Cauchi u Loretta Cauchi.
Il-Kunsilliera Dr Marlene Cini talbet sabiex jintalab reimbors tal-Perit għal dan il-proġett mill-fondi tad-DPF.

13.5.8 Il-Kunsill irċieva kopja ta' rapport li ssottometta A Attard fl-għassa tar-Rabat rigward il-blat li qed iċedi fil-viċinanzi ta' l-Għar ta' Makku fix-Xwejni. Il-membri qablu li għandha tintbgħat email lil Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar.

13.5.9 Il-membri ġew infurmati li ser issir ir-Run Gozo Event il-Ħadd, 27 t'April li ser tgħaddi minn Marsalforn u x-Xwejni. L-attivita' ġiet innotata.

13.5.10 Talba minn K Saliba sabiex jitkompla jinbena l-ħajt fi Triq ta' Milied u jitnaddaf ukoll il-passaġġ. Il-Kunsilliera Dr Marlene Cini u Nicky Saliba staqsew jekk hux ser jitkomplew jinbnew il-ħitan. Qalu li l-ewwel jinbnew il-ħitan li hemm fil-lista' u wara jinbena dan il-ħajt. Is-Sindku ġibdilhom l-attenzjoni li din hi triq alternattiva għal meta jinbena l-proġett tal-Pjazza. Il-membri qablu li titnaddaf it-triq u jinqata' l-ħaxix biss u dan minħabba l-qadgħa finanzjarja tal-Kunsill.

13.5.11 Talba mingħand N. Cassar sabiex tinżabar is-siġra li ħierġa għal fuq it-triq fi Triq il-Ponta. Il-Kunsillier Nicky Saliba li l-ewwel għandu jiġi nfurmat is-sid u wara tinżabar kif meħtieġ. Il-membri qablu.

13.5.12 Talba mingħand J. Zammit sabiex isir il-konkos fit-triq li saret mill-MGP fejn il-Horizon u dan peress li ħierġa riħa tad-drenaġġ. Il-membri qablu li ssir talba mal-Gozo LC Works.

13.5.13 Talba mingħand il-Lighthouse Supermarket sabiex ikun jista' jwaħħal banner mal-kanni ta' fejn iċ-ċimeterju. Il-membri qablu li għandu

jagħti donazzjoni ta' €60 fix-xahar li jinqasmu bejn l-Għaqdiet tar-raħal.

13.5.14 Talba mingħand S. Camenzuli sabiex teħel bozza ma arblu ġa eżistenti fi Triq il-Ponta. Il-membri qablu.

13.5.15 Ir-Reġjun t'Għawdex talab sabiex jiġi ffirmat Memorandum of Understanding for the Support of Victoria 2031 bħala l-Belt tal-Kultura. Il-membri qablu li dan jiġi ffirmat.

13.5.16 Talba mingħand D. Cefai sabiex jitella' ftit filati l-ħajt li hemm fi Triq Ħabel it-Twil peress li perikoluż li xi ħadd jista' jaqa' għal isfel. Il-membri qablu li ssir talba mal-Gozo LC Works.

13.5.17 Talba sabiex titranġa l-bankina u jinbidlu l-bankijiet fi Triq is-Sagħtrija. Il-membri qablu li din issir.

13.5.18 Sabiex tintbgħat tfakkira fuq is-sistema tal-Gozo LC Works sabiex jinbena u jitranġa l-ħajt ta' Triq is-Sagħtrija fejn il-bus stop.

## 13.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 10/2025 għall-perjodu t'April 2025 li tammonta għal €67,947.49 ġiet approvata mill-membri preżenti .

## 13.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-5.30 ta' filgħaxija. Id-data tas-seduta li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 22 ta' Mejju 2025 fil-4.00 ta' filgħaxija.

Baskal Saliba
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv